A.L. 56 ta' l-1981

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI

(KAP. 15)

Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1003 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "Skeda A".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-15 ta' Ġunju, 1981.

Jemenda t-Tariffa A ta' l-Iskeda A.

2. Minnufih wara n-Nru. 7 tat-Tariffa A ta' l-Iskeda A għandu jiżdied dan li ġej:

"7A. (1) Mal-preżentata ta' ċitazzjoni għandhom jiġu depożitati mar-Reġistratur kull wieħed mill-ammonti li ġejjin li jkunu applikabbli għat-talbiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri:

(a) meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi ntaxxat bħal fin-Nru. 7 u l-valur ikun stabbilit jew jista' jiġi stabbilit skond il-liġi, ammont li jkun daqs ħamsin fil-mija (50%) ta' dak id-dritt;

(b) meta d-dritt tar-reġistru jkun intaxxat bħal fin-Nru. 7 u l-valur ma jkunx ċert u likwidu, u jkun irid jiġi likwidat mill-Qorti, jew meta l-kawża hi maħsuba li twassal għall-qsim ta' proprjetà, ammont ta' għoxrin lira (£20);

(ċ) meta t-talba fiċ-ċitazzjoni tkun għal xi dikjarazzjoni neċessarja dwar xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ammont ta' £2 għall kull talba bħal dik:

Iżda f'ebda każ ma għandu l-ammont ikun inqas minn tliet liri (£3),

u meta tingħata sentenza definitiva, ir-Reġistratur għandu japplika l-ammont hekk depożitat bi ħlas jew b'akkont tad-Drittijiet tar-Reġistru li jkollhom jitħallsu skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Tariffa.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' hawn fuq ma japplikawx għal kawża ta' separazzjoni personali jew għal kawża ta' manteniment,

(3) L-intaxxar ta' l-ammont mir-Reġistratur ikun finali u r-Reġistatur ma jaċċetta għall-preżentata ebda ċitazzjoni li magħha ma jsirx id-depożitu relattiv.

(4) Ir-Reġistratur għandu jeżenta mill-ħlas ta' kull ammont bħal dak lil kull attur li fid-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 155 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddikjara li l-mezzi totali tiegħu fis-sena ma jkunux iżjed minn għoxrin fil-mija tal-paga minima nazzjonali għal sena, u li ma jkollux proprjetà, mobbli jew immobbli, li magħha ma jingħaddx il-post ta' residenza tiegħu, li tlaħħaq iktar minn tliet darbiet il-paga minima nazzjonali għal sena.".